MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2008

Numru. 1071/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

**Simon Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Simon Caruana, ta’ 30 sena, iben Edwin u Maria Victoria nee’ Formosa, imwieled Pieta’ nhar it-2 ta’ Jannar, 1978, u residenti fil-fond b’numru ‘62’, Waterlily, Triq il-Gdida, Paola u detentur ta’ karta ta’ identita b’numru 48478M.

Akkuzat talli fil-Furjana u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, f’Lulju, 2008 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijet differenti u li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'eghmil zieni ikkorompa lil Omissis, minuri ta' hmistax –il sena;

2. Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' u cioe' ma' l-imsemmija Omissis;

3. Eccita ghin jew iffacilita l-korruzzjoni ta' l-istess minuri u cioe' ta' l-imsemmija Omissis

4. Bhala cittadin jew residenti permanenti ta' Malta sew jekk f'Malta jew barra minn Malta gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, film, jew video recording jew xbieha elettronika indecenti ta' persuna ta' taht l-eta', jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indecenti bhala dawn.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din l-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 203(1), 203A, 204C u 208A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali ta'l-imputat li hija wahda netta kif ukoll ic-cirkostanzi li fihom sehhew ir-reati odjerni.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 203(1), 203A, 204C u 208A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed jigu sospiezi ghal tlett snin. Il-Qorti in oltre qed tordna d-distruzzjoni tal-oggett esebiet formalment u dan a karigu tar-Registratur.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------